VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,013, 8 ta' Jannar, 2013
Taqsima D

K.L.B.L. 30/1/2013

ATT DWAR KUNSILLI LOKALI
(KAP. 363)

Bye-laws tal-2013 li jemendaw il-*Bye-Laws* dwar Kiri ta' Garaxxijiet taċ-Ċentru Ċiviku Ta' Kerċem (Kunsill Lokali Ta' Kerċem)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 34, 35, u 36 tal-Att dwar Kunsilli Lokali, il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem għamel il-*Bye-Laws* li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1.1 It-titolu ta' dawn il-*Bye-laws* tal-2013 li jemendaw il-*Bye-Laws* dwar Kiri ta' Garaxxijiet taċ-Ċentru Ċiviku Ta' Kerċem (Kunsill Lokali Ta' Kerċem), u dawn il-*bye-laws* għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mal-*Bye-Laws* dwar Kiri ta' Garaxxijiet taċ-Ċentru Ċiviku Ta' Kerċem (Kunsill Lokali Ta' Kerċem), hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "l-*bye-laws* prinċipali". L.S. 363.167

1.2 Dawn il-*Bye-Laws* għandhom jibdew iseħħu xahar wara l-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta.

Tissostitwixxi l-*bye-law* 6 tal-*bye-laws* prinċipali.

2. Il-*bye-law* 6 tal-*bye-laws* prinċipali għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"6. Ir-rata ta' kera fis-sejħa għall-offerti għall-garaxxijiet tkun bi prezz ta' mhux inqas minn:

(a) ħames mitt euro (€500) għal garaxx ta' karozza waħda (1), għal sena sħiħa;

(b) disa' mitt euro (€900) għal garaxx ta' tliet (3) karozzi, għal sena sħiħa.".